Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 48 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Brandon Bartolo

Illum 17 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Brandon Bartolo detenur tal-karta tal-identita Maltija 363190 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' xi zmien fix-xahar ta' April tas-sena 2017 u / jew fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolent jew xort' ohra gab ruhu b' dak il-mod, bil-hsieb li b' hekk iqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b' hekk holoq il-probbabilita li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi li gew decizi u li ma jistghux jigu mibdula.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti occorrendo wara li tisma' lill-parti leza Sara Ezabe, jogħoġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellat ħati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u tgħaddi sabiex tinfliġġi l-piena skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi, fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-esponent Avukat Generali rċieva l-atti tal-kawza odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni zbaljata tal-liġi meta għaddiet biex tagħti is-sentenza appellata u għaldaqstant illiberat lill-istess appellat Brandon Bartolo. Għaldaqstant, huwa qiegħed jintavola l-appell odjern mis-sentenza surreferita u dana ai termini tal-Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 51(2) tal-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta);

i) L-EWWEL AGGRAVJU - a rigward ir-reat ravvisat mill-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (intavolat a bazi tal-Artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali)

Illi, l-appellat kien akkuzat illi fix-xahar ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u/jew fix-xhur ta' qabel f' dawn il-gzejjer, uza kliem jew imġieba ta' theddid, abbusivi jew insolenti, jew esibixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbusiv jew

insolenti jew xor' oħra ġab ruħu b' dak il-mod, bil-ħsieb li b' hekk tqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' ġeneru, identita' ta' ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini ettnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b' hekk ħoloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali, u dana ai termini tal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, għalhekk, ir-rikorrent ser jinterponi dan l-ewwel aggravju ai termini tal-Artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali;

Illi, jibda biex jingħad illi mill-Atti Proċesswali odjerni jirrizulta li fis-smiegħ ta' dan il-kaz inzammu erbgħa seduti in toto:-

1. Fl-ewwel seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2017, deher l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll l-imputat, mhux assistit, fejn dakinhar xehed bil-ġurament l-Ispettur John Spiteri ;

2. Fit-tieni seduta mizmuma fil-15 ta' Novembru 2017, deher l-Ufficjal Prosekutur u l-imputat, debitament assistit. Dakinhar xehed bil-ġurament PC 438 William Borg;

3. Fit-tielet seduta mizmuma fis-16 ta' Jannar 2018, l-Uffiċjal Prosekutur, bi zvista, ma deherx u deher l-imputat, debitament assistit. L-Ispettur Joseph Busuttil informa lill-Qorti illi bi zvista l-Ispettur John Spiteri kien kiteb id-data ħazina u li kien għalhekk li ma deherx. Il-Qorti għaddiet sabiex tagħlaq il-provi tal-Prosekuzzjoni filwaqt li d-difiza irremetiet ruħha għall-provi li kien hemm u trattat dwar il-piena. Sussegwentement, il-Qorti iddeferixxiet il-kawza għat-30 ta' Jannar 2018 għas-sentenza;

4. Fir-raba u l-aħħar seduta mizmuma fit-30 ta' Jannar 2018, ingħatat is-sentenza surreferita.

Illi, waħda mir-raġunijiet illi l-Ewwel Onorabbli Qorti serħet fuqha sabiex fl-aħħarnett għaddiet biex tillibera lill-appellat kienet propju li "*Il-persuna li talbet l-investigazzjoni u l-azzjoni ma ssejħitx biex tixhed f' dawn il-proċeduri u tgħid liema kummenti kellha tittieħed azzjoni kriminali dwarhom*";

Illi, fuq linja preliminari irid jiġi sollevat, kif huwa anka indikat mill-verbal a folio 61 tal-Atti Proċesswali, illi l-Uffiċjal Prosekutur li kien qed imexxi l-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz, u ċioe l-Ispettur John Spiteri, bi zvista, kien nizzel id-data tas-seduta zbaljata, senjatament minflok is-16 ta' Jannar 2018 nizzel is-16 ta' Frar 2018. Huwa kien filfatt ser iħarrek lill-allegata vittma f' dan il-kaz – Sara Ezabe – sabiex titla' tixhed, propju għal din is-seduta tas-16 ta' Frar 2018;

Illi, l-Maġistrat sedenti ġie infurmat b' din l-izvista sfortunata, izda minflok iddiferixxa l-kawza għall-ġurnata oħra bl-iskop li l-Prosekuzzjoni tkun tista' tkompli ttella' l-provi tagħha, iddeċieda li jagħlaq il-provi tal-istess Prosekuzzjoni, jisma' lid-difiza tittratta dwar il-piena, umbagħad xorta waħda iddiferixxa il-kawza għall-ġurnata oħra sabiex tingħata s-sentenza rispettiva;

Illi, għaldaqstant, minn dak li ingħad iktar ' il fuq, għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ma semmietx l-artikolu speċifiku li hija applikat proċeduralment fis-sentenza tagħha meta ġiet biex tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-konfront ta' l-appellat, il-probabilita' hija li l-istess Qorti, fost oħrajn, applikat il-proċedura stipulata fl-artikolu 374 (c) u (d) tal-Kodiċi Kriminali u dana dejjem in vista tal-kunsiderazzzjoni magħmula mill-Qorti msemmija aktar il-fuq;

Illi, f' dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi l-proċedura stipulata ai termini tal-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali ma hijiex applikabbli għal-kaz odjern u dana għaliex l-imsemmi artikolu espressament jistipula:

> "Fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz , għandhom jitħarsu d-disposizzjonijiet li ġejjin ..."

L-artikolu 373 jistipula f' liema kazijiet l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz, fil-fatt dan l-artikolu jistipula:

> "Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiz ."

Illi, f' dan ir-rigward ir-reat li bih kien akkuzat l-appellat Brandon Bartolo, u ċioe' ir-reat ai termini tal-Artikolu 82 A tal-Kodiċi Kriminali, m' huwiex prosegwibbli bil-

kwerela tal-parti offiza izda huwa prosegwibbli ex officcio mill-Pulizija Ezekuttiva. Dana qieghed jingħad il-għaliex sabiex reat ikun prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza huwa neċessarju illi l-liġi tiddisponi espressament li tkun meħtieġa l-kwerela privata. Kuntrarjament għal dan, fil-kaz tar-reat addebitat lill-appellat, il-liġi ma tistipulax tali rekwizit. B' hekk isegwi illi fil-kaz odjern l-azzjoni kriminali ma tmissx lill-parti leza;

Illi, in oltre, hekk kif jirrizulta mill-verbali tal-Ewwel Onorabbli Qorti, il-proċeduri fil-kaz odjern tmexxew mill-Pulizija Ezekuttiva. Fil-fatt, fil-proċeduri odjerni l-parti offiza hija sempliċi xhud (anke jekk xhud indispensabbli) tal-prosekuzzjoni u dana dejjem mingħajr preġudizzju għad-drittijiet spettanti lill-parti offiza ai termini tal-artikolu 410 tal-Kodiċi Kriminali li fl-ebda ħin ma huma qed jiġu kkontestati. B' hekk isegwi illi l-attendenza o meno ta' l-istess parti leza u ċioe' Sara Ezabe ma kellha taffettwa bl-ebda mod l-proċeduri odjerni (u dana in vista tal-fatt illi l-proceduri kienu qed jitmexxew ex officio fl-liema proċeduri l-parte ċivile huwa sempliċiment xhud hekk kif spjegat iktar' il fuq);

Illi, f' dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi minkejja l-fatt illi l-proċeduri odjerni huma ta' natura sommarja u kwindi huwa rikonoxxut li tali kawza ma għandhiex iddum tkaxkar inutilment, dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti milli taġġorna s-smiegħ għal data oħra u dana dejjem considerando r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Filfatt anke jekk naraw l-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali li jittratta l-għoti tas-sentenża f' kawża sommarja jingħad li' meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża , il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista jkun, tagħti sentenża billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'. Huwa interessanti li wieħed jinnota li d-dover legali huwa mpost prinċipalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-għoti tas-sentenża u in oltre dan mhux b' mod strinġenti (jekk jista jkun). Effettivament allura filwaqt li l-Qorti tinstab inkuraġġata li tagħti sentenża fuq kawża sommarja dak inhar li jingħalqu l-provi dan għandu jsir biss jekk possibbli da parti tal-Qorti. Filfatt dan il-punt tqajjem fil-każ Pulizija vs Frank Borg deċiża mill-Imħallef Harding fejn b' referenża għal din id-disposizzjoni li dak iż-żmien kien l-artikolu 389 tal-Kodiċi Kriminali '..l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċiment biex ikun impost fuq il-ġudikant l-obbligu tad-deċizjoni sollecita tal-kawża, u għaliex ma hemmx xejn li jimpedixxili għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti ' marter proprio' , jerġgħa jinfetaħ is-smiegħ, sija

pure biex titibiddel l-imputazzjoni…' . In oltre u in sostenn ta' dan l-argument jirriżulta li mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta' l-provi jingħalqu li kwindi ma tindika f' ebda mod li dawn il-provi kellhom jinstemgħu ukoll u ilkoll fl-istess jum li ingħatat is-sentenża ;

Illi, għaldaqstant isegwi illi kif ingħad iktar' il fuq, fil-fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment zbaljata meta għaddiet għas-sentenza u illiberat lil Brandon Bartolo mill-akkużi dedotti kontra tiegħu. Dana qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-parti leza, fil-proċediment odjern, kienet semplici xhud tal-prosekuzzjoni. Ma ninsewx ukoll li l-istess xhud ma dehritx sempliċiment għaliex ma kinitx debitament notifikata minħabba zvista ġenwina da parti tal-Uffiċjal Prosekutur, u mhux b' xi kapriċċ tagħha! Fiċ-ċirkostanzi u anke fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Liġi relevanti, dak li kellha tagħmel l-Ewwel Onorabbli Qorti kien illi taġġorna s-smiegh tal-kawza għal data ohra (kif del resto xorta għamlet sabiex tagħti s-sentenza tagħha) u tieħu dawk il-provedimenti kollha neċessarji (dejjem skond il-ligi) sabiex tassigura l-attendenza tal-partijiet għas-seduta sussegwenti.

ii) IT-TIENI AGGRAVJU - a rigward ir-reat ravvisat mill-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta (intavolat a bazi tal-Artikolu 51(2) tal-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniċi)

Illi, l-appellat kien ukoll akkuzat illi fix-xahar ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u / jew fix-xhur ta' qabel f' dawn il-gzejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel uzu mhux xieraq bih, u dana ai termini tal-Artikolu 49(c) tal-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniċi;

Illi, għalhekk, u dana mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, ir-rikorrent ser jinterponi aggravju ieħor, din id-darba ai termini tal-Artikolu 51(2) tal-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniċi li jistipola li – "*Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni tista' tagħmel appell quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti kontra kull sentenza mogħtija fi proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att*";

Illi, primarjament, ir-rikorrent jinsab perpless ferm bil-konsiderazzjoni aħħarija tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn stqarret hekk –

F' dan il-kaz, din il-Qorti jidhirlha li ġie ppruvat soddisfaċentement li l-imputat għamel użu minn apparat elettroniku u ta' komunikazzjoni elettronika mhux

sempliċiment għaliex huwa esprima l-opinjoni tiegħu fuq dak ippostjat preċedentement minn persuna oħra iżda għaliex is-sustanza ta' dik l-espressjoni tal-opinjoni kienet, fl-aħħar mill-aħħar, li ssir jew tirrużulta ħsara, dwejjaq jew vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor. Din hija espressjoni t' opinjoni li kjarament kif mistqarr aktar il-fuq, il-ħsieb aħħari fiha kienet li jesprimi l-opinjoni tiegħu, taqbel jew ma taqbilx magħha jew il-kliem li uza biex jesprimi tali opinjoni u li fl-opinjoni tal-Qorti ma tirrużultax ħsara, dwejjaq, vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor.

Illi, jidher biċ-ċar li permezz ta' din il-konsiderazzjoni appena ċitata, l-Ewwel Qorti l-ewwel tisħaq li ġie ppruvat soddisfaċentement li l-azzjoni, ossia l-kumment, tal-appellat kienet intiza sabiex, "fl-aħħar mill-aħħar, … ssir jew tirrużulta ħsara, dwejjaq jew vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor" izda mbagħad fl-istess nifs tiddikjara li ma jirrizultax ħsara, dwejjaq, vessazzjoni jew offiza lil ħaddieħor. Din il-konsiderazzjoni kunfliġenti xejn ma tagħti konfort li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet waħda li tirrispekja r-retta amministrazzjoni tal-Liġi, u dana aktar u aktar meta wieħed jara l-provi li laħqu ġew prodotti matul dawn il-proċeduri;

Illi, l-aktar prova b' saħħitha hija propju l-istqarrija rilaxxata volontarjament mill-appellat nhar it-30 ta' Ġunju 2017. Kif tgħallimna ġurisprudenza varja, fil-kamp penali dejjem ġie ritenut li l-konfessjoni – popolarment magħrufa bħala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova reġina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-ħtija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma ġietx imġiegħla, jew meħuda b' theddid, jew b' biza, jew b' wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi;

Illi, inoltre, meta jitkellem dwar il-konfessjoni, l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li kull ħaġa li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħudha b' theddid, jew b' biza jew b' wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Fil-kaz in ezami, l-appellati qatt ma ressqu xi prova sabiex juru li dawn l-istqarrijiet meħuda ma sarux volontarjament jew sabiex juru li kellhom xi theddid, jew biza jew li ittieħdu b' wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġ;

Illi, kif ingħad aktar il-fuq, l-appellat volontarjament irrilaxja stqarrija fejn ex admissis jgħid li kien hu li kiteb il-kumment dispreġjattiv ċitat aktar -il fuq fuq il-post imtella fuq Facebook, senjatament fil-grupp "Għaqda Patrijotti Maltin". Dan iwassalna għal konkluzzjoni waħda – li l-appellat kien ben konxju ta' dak li kien qed jikteb, irrespettivament minn dak li pruvat targumenta d-difiza, u aktar tard l-Ewwel Qorti ukoll;

Illi, l-Ewwel Qorti apparti din il-kunsiderazzjoni kunfliġġenti, għaddiet ukoll sabiex tagħmel diversi kunsiderazzjonijiet legali studjati u sensati a rigward l-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament dwar dak li jikkostitwixxi uzu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Fl-aħħar ta' dawn l-istess konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Qorti tgħaddi ukoll sabiex tikkwota sentenza li hija perfetta għall-proċeduri odjerni –

Kif mistqarr mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Alfred Grech</u>** deċiża nhar id-19 ta' Lulju 2013 : -

L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f' dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex 17 Appell Kriminali Numru. 89/2013, **<u>Il-Pulizija Kontra Omissis u Simona Vella</u>**, 24 ta' Marzu, 2014 21 jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f' theddid izda li, bl-applikazzjoni tarregola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f' dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li talanqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom . Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c) msemmi.

Illi, il-kumment li ex admissis kiteb l-appellant fil-konfront ta' Sara Ezabe ċertament li kien wieħed vulgari u li joffendi u li filfatt offenda, u prova ta' dan hemm l-ilment li Sara Ezabe għamlet mal-Pulizija. Huwa ideali li kieku l-istess Sara Ezabe ingħatat l-opportunita li tixhed dwar dan kif spjegat fl-ewwel aggravju, pero il-fatt waħdu li hija lmentat mal-Pulizija jindika biċ-ċar li dak li qrat urtaha u / jew offendiha. Għaldaqstant, huwa ċar li l-għemil tal-appellat huwa klassifikat bħala għemil mhuwiex xieraq hekk kif ravvisat mill-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399;

Illi, in oltre dan kollu, ir-rikorrent għamel ir-riċerka tiegħu dwar is-suġġett in materja u ma jistax ma jagħmilx paragun ma' zewġ sentenzi oħra li tat l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, senjatament "**Il-Pulizija vs Stefano Zampa**" u "**Il-Pulizija vs Francine Cini**" . L-Ewwel Qorti, preseduta mill-istess Maġistrat, fiz-zewġ kazijiet appena ċitati, tirriproduċi l-istess identiċi kunsiderazzjonijiet legali li tat fis-sentenza li qed jiġi ntavolat appell minnha, PERO, f' dawn iz-zewġ kazijiet waslet għall-konkluzzjoni kompletament differenti u filfatt sabet lill-imputati ħatja;

Illi, fil-kaz bl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Stefano Zampa**", l-Ewwel Qorti stqarret hekk –

Issa din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz jitratta dwar theddid u insult li sehh permezz ta' l-informatika u cioe' tramite facebook.

L-imputat jaghti sfond li wassal ghal dan il-kaz, ammetta li kien hu li ppostjha l-kumment inkriminanti u talab skuza lill-parte leza li accetta.

Il-Qorti tiehu l-opportunita' biex tfakkar li l-mezzi ta' komunikazzjoni m' ghandhom jintuzaw biex persuni jinsulentaw lil xulxin imma ghandhom jintuzaw biex ikun hemm kuntatt bejn il-qraba u hbieb u mhux jintuzaw bhala kamp tal-battalja, tinholoq firda bla bzonn specjalment bhalissa fiz-zmien partikolari li qeghdin nghixu. Il-facebook ghandu jkun mezz fejn wiehed ma jiddejjaqx jesprimi l-opinjoni tieghu izda mhux bhala mezz biex bih tinkiser il-ligi.

Illi, fil-kaz bl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Francine Cini**", l-Ewwel Qorti stqarret hekk –

Issa din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz jittratta dwar ingurji li allegatament sehhew permezz tal-informatika u cioe' tramite sms message...

... Billi l-imputata ex admissis tistqarr illi hija baghtet sms bi kliem ingurjuz lill-kwerelant b' dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza…

… Il-Qorti terga' tfakkar li l-mezzi ta' komunikazzjoni ghandhom jintuzaw ghal skop ta' servizz u mhux biex jintuzaw biex jinsulentaw lil dak u lill-iehor. Minn juza l-apparat ta' komunikazzjoni ghandu juza dan b' responsabbilta' kif enfasizzat minn din il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Stefano Zampa.**

Illi, huwa ferm stramb kif l-istess Qorti komposta mill-istess Maġistrat, għaddiet biex tagħti zewġ sentenzi bbazzati fuq l-istess identiċi kunsiderazzjonijiet legali bħal fis-sentenza appellata, fejn fihom, a differenza tas-sentenza odjerna, saħqet l-importanza li apparat ta' kommunikazzjoni għandu jintuza b' responsabbilta u mhux jintuza sabiex jinsulenta jew iweġġa lil ħaddieħor;

Illi, fil-kaz odjern, il-kliem vulgari u dispreġjattiv li l-appellat kiteb a rigward ta' Sara Ezabe ċertament li kien intiz sabiex jinsulentaha. Anka t-tip ta' kliem fihom infushom - "*Tmur tieħdu fox kem anda …*" - ċertament li jindika l-intenzjoni li kellu l-appellat meta kitibhom, liema intenzjoni kienet kjarament li jinsulta jew iweġġa lill-parti leza. Għaldaqstant, huwa adirittura inkonċeppibli kif l-Ewwel Qorti, f' dawn il-proċeduri waslet għall-konkluzzjoni li l-appellat kien qed jagħmel uzu xieraq ta' apparat elettroniku, meta f' kazijiet simili, l-istess Qorti, a bazi tal-istess ġurisprudenza, iddeċidiet b' mod divers, u saħansitra ġibdet l-attenzjoni li apparat elettroniku għandu jintuza b' responsabbilta u mhux jintuza bħala pjattaforma għal insulti!

Illi, sussegwentement, in vista tal-ewwel zewġ aggravji, ir-rikkorent jirrileva li jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-appellat kellu jinstab ħati tal-akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu, għaldaqstant huwa għandu ukoll jinstab ħati tal-addebitu tar-reċediva.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tal-4 ta' Dicembru 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat ,

L-Ispettur John Spiteri kien xehed nhar il-11 ta' Ottubru 2017 u spjega kif il-pulizija kienet irceviet rapport rigwardanti chat log fuq il-profil l-Ghaqda Patrijotti Maltin fejn in segwitu l-pulizija giet mitluba sabiex tinvestiga xi kummenti li kien hemm fuq dan ic-chat. Huwa ghalhekk beda l-investigazzjoni u minfejn irrizulta li setgha kien hemm diversi nies li setghu kienu involuti b'xi mod jew iehor b'xi kummenti li setghu b'xi mod jew iehor joholqu xi forma ta' mibgheda razzjali. Wiehed mill-persuni li kien

ghadda dawn it-tip ta' kummenti kien juza l-profile bl-isem ta' Brandon Bartolo u minn stharrig li ghamel irrizulta li l-istess persuna li kien qed juza dan il-profil seta kien Brandon Bartolo. Huwa baghat ghalih u wara li tah id-drittijiet tieghu u irrifjuta li jkollu l-ghajnuna legali li jkun prezenti waqt l-istqarrija kienet ser tittihidlu.

Huwa gharaf l-istqarrija li irrilaxja l-appellant li tinsab esebita fl-atti a fol. 4 sa fol. 6. Sabiex jghati sfond ghal dan ir-rapport ighid li kien hemm artikolu fuq Sarah Ezeebe u din kient ktibet xi kument wara li xi Qorti barra minn Malta kient iddecidiet li mhuwiex permess li jilbsu dawn il-persuni Musulmani l-hijab waqt li jkunu fuq il-post tax-xoghol. Dan il-kumment kien ittella fuq is-sit l-Ghqda patrijotti Maltin u f'wiehed mill-kummenti l-appellant odjern kien ghadda dan il-kumment fejn allegatament qal *" Tmur tiehdu f''…..ghoxx kemm ghandha, hanhekk qedin f'pajjizna ahna religjoni wiehed biss, huma guests, irridu nimxu mal-ligijiet taghna u jekk ma jghogobhomhomx fuxk off back to your countyu*." Jghid li fl-istqarrija l-appellant kien ammetta li kien hu ma haddiehor.

Jghid li huwa ressaq lill-appellant proprju fuq din il-kwotazzjoni fejn huwa stess kien ammetta li kiteb dan il-kumment fuq dan is-sit u kien spjega li ma kienx jaqbel ma dawn l-affarijiet pero' hu personali ma kellu l-ebda forma ta' rabja ghal xi generu jew xi minoranza f'Malta.

PC 438 William Borg xehed u kkonferma li l-pulizija tas-Cyber Crime kienet irceviet rapport nhar it-2 ta' April 2017 permezz ta' email mibghut lill-Unit taghhom minghand Sarah Ezebe fejn din l-email kienet tindika illi kien hemm post li kien hemm post maghmul mill-appellant fuq il-page tal-Ghaqda Patrijotti Maltin. Dan il-kumment gie mmarkat bhala dok WB1.

Illi nhar is-16 ta' Jannar 2018 l-ufficcjal prosekutur John Spiteri ma dehrx izda deher l-Ispettur Joseph Busuttil u informa lil Qorti li l-Ispettur investigattivu prosekutur John Spiteri kien ha d-data hazina. L-Ispettur Joseph Busuttil ma talabx differiment u l-Qorti ghaddiet beix tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa. Dakinhar id-difiza stahet fuq il-provi li kien hemm u saret trattazzjoni wara l-piena u l-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza, liema sentenza inghatat fis-seduta sussegwenti u cioe' nhar l-20 ta' Jannar, 2018.

Illi ghalhekk f'din il-kawza il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud in sostern tar-rapport li irceviet. Hija qabdet u pprezentat kopja tac-chat pero' l-persuna lejn min

kien indirizzat tali kummenti fic-chat ma ingabtix tixhed. M'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni kif del resto kkonferma PC 438 inizjat dawn il-proceduri wara li irceviet rapport minghand Sarah Ezebe liema rapport lanqas ma gie esebit fl-atti. Jinghad li f'dan ir-rapport allegatament din Sarah Ezebe hasset ruhha insulentata bil-kumment li allegatament ghadda l-appellanti.

Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell teighu jghid li l-artikolu 373 ma japplikax ghal kaz in desamina ghaliex dan hu kaz prosegwibbli ex ufficcio. M'hemmx dubbju li din il-kawza kienet giet istitwita bhala kawza tal-Pulizija u mhux bhala kawza privata – kif jidher car mill-komparixxi – u kienet ukoll giet prosegwita mill-Pulizija ex officio u mhux mill-parti offiza, kif jirrizulta mill-occhio ta' kull verbal u anke tas-sentenza ("Il-Pulizija v. Brandon Bartolo " u mhux "Sarah Ezebe v. Brandon Bartolo"). Konsegwentement kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 375 tal-Kodici Kriminali u mhux dawk ta' l-Artikolu 374. Illi l-Avukat Generali qieghed jghid li l-ewwel Qorti ma missietx qabdet u ddikajrat il-provi maghluqa izda messha tat differiment sabiex il-prosekuzzjni tressaq lil din ix-xhud.

Jinghad ukoll li l-artikolu 377(1) tal-Kap 9 jipprovdi li una volta s-smiegh tal-kawza hija lesta, il-Qorti ghandha fl-istess jum jekk konvenjentement prattiku taghti is-sentenza taghha jew billi tillibera lil dak l-akkuzat jew li tiddikjara htija fi-konfront tieghu.

F'dan il-kaz pero' jidher li l-prosekuzzjoni ma ressqitx ix-xhud principali taghha fi tlett seduti u lanqas ma tablet differiment sabeix tressaq lil dan ix-xhud. Anzi jinghad li lanqas ma hemm xi prova fl-atti li tindika li l-prosekuzzjoni ghamlet l-ghalmu taghha beix tipprova tinnotifika lil din ix-xhud u ghalhekk din l-ewwel Qorti meta rat hekk qabdet u iddikajrat il-provi maghluqa hi stess u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Peter K/a Pierre Sammut**[1] fejn inghad li:-

"l-*fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak*

[1] Moghtija mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Settemru 2002

*ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra. Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u (i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza (Art. 377(1), Kap. 9)"*

Kif ukoll referenza qed issir ghas-entenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Urry Margaret**[2] fejn gie deciz is-segwenti.

*Meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (Art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kap. 9). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le.*

Ghalhekk a contrario senso jekk il-prosekuzzjoni ma tesebix riferta prosittiva tax-xhud taghha din il-Qorti tkun prekluza milli tordna li jinhareg mandat ta' arrest fuq ix-xhud stante li ma jkunx tort tieghu li ma dehrx ghaliex ma jkunx gie notifikat u ghalhekk dan in-nuqqas ikun tal-pulizija u konsegwentment l-Qorti tkun gustifikata li tkompli ghaddejja bis-smiegh tal-provi l-ohra.

F'dan il-kaz adirittura l-prosekuzzjoni ma resqitx ix-xhud principali taghha fl-ewwel tlett seduti minkejja li l-kawza giet inzijata fuq ir-rapport taghha u fit-tielet seduta l-prosekuzzjoni lanqas ma esebit xi riferta prosittiva taghha u ghalhekk jidher li kien hemm nuqqas kbir da' parti tal-prosekuzzjoni. Hu appena necessarju jinghad li differimenti bla raguni valida, specjalment f'kawzi sommarji, minbarra li jaghmlu hsara ghax il-provi ma jibqghux friski f'mohh ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joholqu inkonvenjent ingust ghal, dawk ix-xhieda li ripetutament jigu mharrka ghalxejn.

[2] Moghtija mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar is-17 ta' April 2001

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il**-Pulizija –vs- Joseph Dougall**[3] il-Qorti kienet irriteniet illi "*Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta.*"

F'dan il-kaz pero' ma kien hemm xejn minn dan u peress li l-prosekuzjzoni ma talbitx il-fakolta li tharrek dan ix-xhud indirettament ghandu jinftiehem li kienet qed tirrinunzja ghal tali xhud molto magis meta tara li din kienet it-tielet seduta ghal-provi tal-prosekuzzjoni f'kawza li hija sommarja. Il-verbal fl-atti hu l-vangelu tal-kawza u kwalunkwe fatt li gara fil-kawza li wahda mill-partijiet mhiex sodisfatta bih ghandu jsib ruhu verbalizzat fl-atti tal-kawza. Fuq kollox, il-Qorti kien ikollha tivverbalizza l-lanjanza tal-Prosekuzzjoni kieku din saret. Dan ma jirrizulta min imkien. Jirrizulta biss u dan fis-eduta tas-16 ta' Jannar li l-ufficcjal prosekutur kien ha id-data tad differiment hazin pero' ma hemmx indikat li kien qed jintalab xi differiment jew adirittura li kien qed issir xi talba sabiex tinstema xi xhud partikolari. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti ghamlet sew meta qabdet u iddikarat l-provi maghluqa ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Dwar it tieni aggravju u cioe' li l-fati tal-kaz jammotnaw ghar-reati in desamina jinghad is-segwenti. L-appellant gie akkuzat bir-reat kif ravvisat fl-artikou 82A tal-Kap 9 u cioe tixwix lejn mibgheda razjali. Ma hemmx dubbju li l-liberta` ta' l-espressjoni hija fondamentali f'socjeta` demokratika, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta`ta' espressjoni u ta' l-istampa. Fost dawn id-drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi rreputazzjoni taghha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta' persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, ir-razza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha kif inhu allegat li sar fil-kaz in desamina . Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga' jerfa rasu

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

f'diversi pajjizi – fatt dan li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu – u huwa proprju ghalhekk li hafna pajjizi (inkluza Malta[4]) u l-komunita` internazzjonali jghaddu ligijiet u jiehdu mizuri biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali ir-reat kontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kap. 9 ma jirrikjedix li min ikun kiteb jew ippublika xi kliem dispreggjattiv, abbusiv jew insulenti ikollu "l-intenzjoni" li jinsulta jew li jesponi ghal disprezz lil xi persuna jew grupp ta' persuni minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess disposizzjoni; kif diga' nghad, huwa bizzejjed jekk dak li jkun gie stampat (jew dak li jkun gie mxandar, skond il-kaz) ikun minnu nnifsu jtendi li hekk jinsulta jew jesponi ghal disprezz. Jigifieri jekk, bhala fatt, meta qarrej ta' intelligenza ordinarja jaqra lic-chat f'da il-kaz, dak il-qarrej tista' tonqoslu f'mohhu l-istima ghal dik il-persuna jew ghal dak il-grupp ta' persuni minhabba dak li jkun qara dwar dik il-persuna jew dak il-grupp, allura f'dak il-kaz ikun hemm ir-reat. Biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni hu evidenti li trid taqara l-artiklu kollu kemm hu biex tara dan, kollu kemm hu jew partijiet minnu, x'impatt jista' jhalli fuq il-qarrej ta' intelligenza ordinarja. L-ezercizju, ghalhekk, irid isir principalment mill-qorti, u mhux mehtieg li jingiebu persuni bhala xhieda biex jghidu huma x'fehmu jew ghal liema konkluzjoni waslu ghaliha wara li qraw l-artiklu.

Jidher li forsi kien proprju ghalhekk, infatti, li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma ressqet ebda xhud partikolari f'dan is-sens, anqas lil persuna imsemmija fir-rapport.

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-appellant assuma r-responsabilita ta' dak li kiteb fic-chat u cioe "Tmur tihdu f'…kemm ghandha—hawnhekk qedin pajjzna..ahna religjon wiehed..huma guests iridu jimxu ghal ligijeit taghna..ma jghogobhomx fuck off back to your country" u dan skond dak mistqarr minnu fl-istqarrija tieghu u cioe dak rapportat a fol. 5 meta jikkonferma li dak rapportat fil-face book page markata bhala dok BB1 hija mitkuba minnu.

Mhemmx dubbju li dan id-diskors intqal mill-appellant kif msitqarr minnu u mhemmx dubbju ukoll li huwa diskors li fil-fatt huwa disprggjattiv u jqajjem vjolenza u mibgheda rzzjali u dan ghaliex qed jghid li Ezebe ghandha jew tobdi l-ligijiet taghna

[4] l-Artikolu 82A tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att III ta' l-2002

jew titlaq mill-pajjiz. L-appellant ukoll ighajjarha proprju ghaliex tat il-fehmiet taghha dwar l-ilbies ta' razza ta' nies u cioe' tal-Musulmani liema ilbies hu ma jaqbilx mieghu.

Ghalhek dan ir-reat jissustni minkejja li l-vittma f'dan il-kaz Sara Ezebe ma xehditx.

Dwar l-akkuza l-ohra u cioe' li ghamlel uzu hazin mit-telekomunikazzjoni jinghad li dan ir-reat jirrizulta wkoll u dan ghaliex il-kompjuters u addirittura il-facebook mhux qieghed hemm biex tingurja u tinsulenta in-nies u ghalhekk f'dan il-kaz l-uzu li sar minnu biex insulenta lill-Ezebe kien wiehed bi ksur ta' dan il-provediment tal-Ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u cioe' dak bazat ai termini tal-artikolu 413 (1) (b) (a) tal-Kap 9 u wara li rat l-artikolu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Kap 449 tal-Ligijeit ta' Malta tiddikajra li qed tirrevoka is-sentena moghtija mill-ewwel Qorti u tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-akkuzia kif addebitati u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospiza ghal sentejn bl-aplikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur